# Qabel dakinhar

Leanne Ellul

Qabel dakinhar li ħbatt ma' Jacob kont ili ma nara d-demm tmien snin. Kont għaddejja bl-għaxar mili fis-siegħa, forsi tnax, mhux iktar żgur, u ma nafx kif jista' jkun bl-għaxar mili fis-siegħa ajma, tkun qed issuq u tibqa' għaddej minn fuq raġel hux. Hu min hu r-raġel. Jacob u mhux. Riedx kien jismu Jakob, dan l-istess isem, jew Samwel jew Mendez għalija. Seta' kien mara jew tifla u jew kien x'kien. Imma inzerta kien hu u kif ħbatt miegħu, bilkemm missejtu e ajma, propja propja, ersaqt fil-ġenb ħa nara x'ġara. Issa kieku ħsibt li seta' kien tort tiegħi, li ħbatt ma' xi ħadd, ma kontx se nieqaf u nitfa' mal-ġenb u nimxi sa ħdejh biex niċċekkja, hux. Ħeqq, mhux hekk. Eżatt. Kieku kont nibqa' sejra. Eħe, bqajt sejra imma wara, wara li nżilt u rajtlu. Rajtu. Rajtlu. X'rajtlu? Ajma, xi tridni naralu. Kellu l-intern barra. Imsarnu naħseb jiġu. Ma nafx eżatt x'jiġu hux. Imma qishom imsarnu naħseb kienu. Qatt ma studjajt ħafna jiena. U nżilt u ġrejt sa ħdejh u tfajt idejja, it-tnejn ġifieri, it-tnejn li huma ħi, fuq sidru. U kif ħarist lejn idejja, imbagħad, kienu mimlijin demm.

Jaqq, u żgur li jaqq, demm ta' xi ħadd mejjet e. Tiġix tgħidli li mhux jaqq id-demm ta' xi ħadd mejjet. Ikun ta' min ikun e, imma aħseb u ara ta' xi ħadd mejjet. Missejtlu sidru forsi ntih is-CPR, dik kont tgħallimtha e, għal li jista' jkun. Kienu għallmuhielna l-iskola naħseb

kienet. Kienx il-PSD meta għallmuhielna. Jew il-PE. Il-PSD jew il-PE żgur. Dik tajjeb tkun tafha. Imma, Ġesù Marija Madonna tal-ħniena, kellu qalbu f'idu. F'idu, f'idu. Naħseb ħarġet mal-intern b'kollox jien. Imma kif għedtlek, ma nifhimx jien. U għamiltlu salib fuq moħħu mbagħad.

Imbagħad mort lura fil-karozza. Kelli qatgħa fuqi mela. Qatgħa ta' veru ġifieri. Kif tkun? Bdejt nitriegħed, ġejt bajda bajda. Naf għax ħarist fil-mera tal-karozza hux. U beda ħiereġ l-għaraq minn kullimkien, mhux minn wiċċi biss. Bdejt inħossni qed negħreq e. Imbagħad ħadt ftit nifsijiet bil-mod u bdejt niġi f'tiegħi. Pejjipt wieħed, jew tnejn kienu, u bdejt niġi f'tiegħi. Ajma ma qgħadtx inħares lejh ta. Tfajt għajnejja fuq l-istering u bqajt inħares lejh. Lejn l-istering hux. Lanqas imsaħthom idejja mid-demm bil-fixla u ċappast kulm'hemm. Straġi għamilt, straġi. L-istering kollu demm. Is-sigarett kollu dejjem, kollu demm kollu demm. Il-leaver kollu demm.

Xi seba' snin u nofs kont ili ma nara d-demm ta. E, kważi tmien snin. Il-period qabad u waqaf, ċumm bumm hux kien, u ma rajtx iktar demm. Imbagħad kont sibt wara l-għatba tal-bieb, miksi demm, suf mgħaqqad ma' ġismu magħlub. Min il-Ġesù Marija Madonna kien ħallih hemm għidli lili. U xi rrappurtajt hu int! Ma tarax. Ara ħallini ta. Seba' snin, seba' snin u nofs kont ili ma nara d-demm. Mela ta' tletin, ngħid jien, jaqbad u jieqaf hekk? U mort għand tobba kieku, kemm trid, imma ħadd ma sab x'għandi. Issa addijo tfal u addijo kollox la ma narax demm. Sess? Ara l-ieħor. Hekk u hekk. Skont kif tiġi.

Eħe, u kont qed ngħidlek kif rajtu minxur hemm, fid-demm. U kif waqafli l-period. U nsejt kif ikun demm. Imbagħad ħriġt f'nofs ta' triq biex nara nwaqqafx xi karozza. Lanqas mobile ma kelli fuqi qed ngħidlek. Xejn. Is-sigaretti u hekk. U hekk, e, affarijiet oħrajn. Imbarazz. Tissues, ċwievet tad-dar, tal-flat insomma, u pad. Pad hux. Għal li jista' jkun e. Trid iżżomm waħda fuqek għal li jista' jkun. Mela inti taf x'jista' jinqala' ħi? Hemm aħna.

Karozzi, lanqas waħda. Ħadd. Xejn. Niente. Nada. Le, petrol naħseb kien hemm. Imma dik il-karozza ma kinitx tiegħi. Il-karozza tal-ġenb

tat-triq ma kinitx tiegħi. Jien lanqas biss naf insuq hux. Ippruvajt inġibha l-liċenzja kieku, imma xi ġġib iġġib. Mhux lakemm tgħid iġġibha e. Avolja kont insuq tajjeb ta. Imma kienu mqabbdin miegħi ajma. Ma ridux ituhieli e. Ma kelli 'l ħadd min jaqbeż għalija, itini l-liċenzja u ejja ħa mmorru. Imbagħad dħalt fiha biex nistkenn għax imbagħad bdiet taqa' s-sirda. Ma nafx eżatt x'ħin kien imma lanqas ħadd m'għadda minn hemm u kelli ġibda lura u hu kien minxur hemm, fid-demm.

Imbagħad qbadtlu qalbu u ħadthielu u tfajtha fil-karozza. Ħa s-sirda ma tagħmlilhiex ħsara. Ħadt ħsiebha kif stajt. Qgħadt inħares lejha żegħilt biha. Mela. U Jacob minxur fit-triq. Imma għedtlu e, li qed neħodlu ħsiebha sakemm jiġi f'tiegħu. Kont għadni lanqas naf li jismu Jacob dak il-ħin. U qisni minn taħt il-għajn bdejt narah jiċċaqlaq. Xi tkun hux? Qisek tkun taf li żgur mejjet imma tibda tarah jiċċaqlaq minn taħt il-għajn? Meta kont żgħira kellna Bambin li tħares fejn tħares, ikun qisu qed iħares lejk. Kemm kien tal-biża' Ġesù Marija Madonna. Hekk kien qisu. U mhux eżatt hux. Imma qisu.

Xħin ġabuni hawn imbagħad qaluli. Qaluli, inti qtilt lil Jacob. Għedtilhom le e. Kont ili ma nara d-demm xi seba' snin. Xi tridu d-demm idellek u jinten. Lanqas ħaqq il-hassle. Għax dan qas ikun bħal tal-annimali. Ikun magħqud u jinten u jwaħħal. Qas naf eżatt kif ikun. Għax dejjaqni jwaħħal m'idi imma qisni ridt nipprova ngħinu, intih is-CPR, imma anki s-CPR kont qisni nsejt kif dak il-ħin. Kollox tinsa dak il-ħin hux. Tiffriża u tiċċassa. Daw' affarijiet ta' barra min haw' ngħidilhom jiena. Ara jien qas tiġieġ ma niekol e, aħseb u ara kemm se mmiss bniedem. Lil Jacob imbagħad. Avolja ma kontx għadni naf li jismu Jacob.

E, u bqajt hemm, fil-karozza ftit, għax lanqas annimal ma trid tara miexi f'dik ix-xemx tisreġ. U komplejt negħreq u negħreq. Hekk tagħmilli s-sħana jiena. Le, is-sirda iktar tard. Għax bqajt hemm ftit mhux ħażin jiena. Inħares lejh, lejn Jacob. Wara wara sirt naf li jismu Jacob. Imbagħad qbadt il-pouch u tlaqt. E mela, kelli pouch ukoll. Fejn ħsibtni li żammejthom it-tissues u ċ-ċwievet u l-pad. U kif bdejt miexja ħassejt weġgħa f'żaqqi. U lanqas kien hemm toilet viċin. Le, mhux ikel

kelli nbattal. Kien dak iż-żmien tax-xahar u naħseb kien ġej. Mhux għalhekk kelli l-pad fuqi? E, kien waqaf, imma mbagħad kien ġieni darb'oħra u darb'oħra dakinhar. Kollox bil-qanpiena, hux hekk jgħidu, li kollox bil-qanpiena.

U bdejt nimxi allura hux. Inqattar l-għaraq u d-demm. E le, ajma, id-demm mhux tal-period, mela x'qed taħsibni? Jaqbad jiġini hekk? Id-demm għax tfajt qalbu fil-handbag. Mhux hekk jagħmlu meta xi ħadd jaqta' subgħajh barra? Jew hu, jew ikun qatagħhomlu xi ħadd. Hekk jagħmlu fil-film. U anki mhux fil-films hux. Jitfgħuhom fis-silġ u jmorru l-isptar bihom. Issa silġ ma kellix u lil Jacob ma ridtnix nerfgħu fuq dahri, e. Inkaxkru? U ma tarax. U ħallina, trid. Hu kien ġa sew mimli grif. E mela. Kien mimli demm u qalbu esposta, hux hekk tgħidu intom? Esposta. Imma kien mimli grif e wkoll. Mimli mimli. U għejejt kont niġri. Nimxi. Niġri.

Għaddejt minn fejn knisja imma lanqas kelli l-qalb nidħol. Mela! Mhux hekk nibqgħu. Biex ikun hemm is-sagrament espost u mbagħad, jien naf, jien fejn naf … forsi tibda tnixxi d-demm jew forsi tieħu forma oħra jew forsi, boqq, tibda ttir, ħeqq. Dik mhux il-ġisem ta' Kristu jgħidu? Jiena ma nafx kif ikun dal-ġisem ta' Kristu imma lanqas qisni rrid narah forma t'ostja. Issa forsi kont insib lil xi ħadd hemmhekk. Ħeqq. Imma kont ili ma nidħol fi knisja u r-riħa tal-qassissin tqallagħni. Iktar dik iddejjaqni jaħasra. Għadni s'issa hekk. Tqabbadni l-bard. Qisha r-riħa ta' dik il-qalb fix-xemx. Intern ħażin u qalb eħżen minnha. Kien hemm qassis kieku barra, fuq bank, ipejjep sigarett. Imma jien is-sigaretti joqtluni u lanqas b'xejn ma ridt nersaq lejh. Le, xi npejjep, jiena? U le, mhux ma npejjipx, imma mhux li beda jpejjep hu, għax rajtu. Jien mill-irqaq inpejjep e. Tiegħu xi Rothmans bluni jintnu pesti. Iktar minn qalbu jintnu dawk ir-Rothmans. Minn qalb Jacob hux. U bqajt miexja forsi nsib xi ħadd itini lift, jew forsi nasal sal-isptar. U jien fl-imwarrab kont, mhux lakemm tgħid tasal sa knisja jew sptar jew xi mkien.

X'mort nagħmel hemm? Ħeqq, ara, mort niġġoggja hux. Nimxi. U ija, issa nimxi u niġġoggja. Mhux xorta. Kif negħja nimxi u kif jiftilli

niġġoggja. Ija, fix-xemx għax dak il-ħin kelli off. U qisek ma tkunx trid titlifha hux. Dakinhar kont shift ta' filgħaxija mbagħad u ma ridtx nasal tard. M'għedtlekx? E le, m'għedtlekx. L-isptar naħdem jien. Iva, mela, l-isptar. Kont ili ftit naħdem l-isptar, imma bla mobile x'taqbad tagħmel u f'dik il-knisja ma kontx se nidħol żgur. U bqajt miexja u miexja. Qlajthom saqajja b'dik it-takkuna. Mhux takkuna insomma. Wedge hux jgħidulha. Tal-islipper e. Dik in-naqra wedge tal-islipper imma xorta qlajt saqajja. Tiskanta e.

Imbagħad beda jsir il-ħin u jien bqajt miexja u miexja, bl-għaraq ixoqq għalija, imma kif rajt id-dawl għedt 'l hemm se nimxi jiena. U bqajt miexja s'hemm. B'idejja bid-demm, bil-ġuħ u b'żaqqi tuġagħni u mifxula u x'naf jien. Jiena ma naf xejn. Le, x'naf naf. Naf dak li qed ngħidlek. Biss biss biss. Ġesù Marija Madonna, xi tridni ngħidlek iżjed? Jien naf biss li kont qed niġġoggja kmieni filgħodu qabel ġurnata xogħol u ħbatt f'dan Jacob li ma kontx għadni naf li jismu Jacob u kien minxur mal-art kollu demm bl-intern barra u qalbu barra għax naħseb qalbu stess kienet u kien kollu grif u kif dħalt fil-karozza bdejt niġi f'tiegħi u mbagħad qbadt it-triq għall-isptar u la ma kelli mobile u la xejn. Mhux hekk għedtlek jien? Hekk għedtlek jien e.

Imbagħad kif irfist l-isptar kollni għaraq u demm ġifieri u b'qalbu fil-pouch daqq il-mobile. Mobile, ma nafx ta' min kien e, imma daqq. U fixilni. Jiena? Charlotte ħi, Charlotte Degabriele. Charlotte Degabriele xiex? E, Dr, iva Dr. Dr Charlotte Degabriele. Dr għax avukat. Avukata. Avukatessa. Hu li hu. Le, mhix miż-Żejtun. Ara l-ieħor kemm hu ħelu. E, fejn studjajt? L-Italja. Sorbonne. Franza ridt ngħid. Kien għad kelli tlieta u għoxrin u xagħri aħmar. E, nixtieq li għandi sittin. Daqt nagħlaq is-sebgħin. Hux ma nidhirhomx? Imma mhux se ngħidlek bl-eżatt kemm għandi żmien. Tixtieq. Issa għandi l-ġuħ u ma nafx x'jien nagħmel hawn. Haw' fejn qiegħda ġifieri jien?